**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 404/00**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Alexander Miruzzi)**

**vs**

**John Mary Cutajar ta' 54 sena, iben**
**Lawrence u Maria nee Grixti,**
**mwieled il-Marsa fit-2 ta' Marzu, 1946,**
**u residenti 121, Triq Azzopardi, Marsa,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 208246(M).**

**Illum 9 ta' Novembru, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi John Mary Cutajar li gie akkuzat talli fis-16 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu fil-Marsa, b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmija fl-artikoli ta' qabel is-subartikolu IV tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-Bank of Valletta p.l.c. liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm 480 (erba' mija u tmenin liri Maltin). Dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsin ghall-istha, bjut, twieqi, bibien, btiehi, fanali, hitan tad-djar ta' haddiehor, jew ta' bini iehor, jew habbat bibien, jew cempel qniepen tad-djar jew ta' bini iehor ta' haddiehor. Dan bi ksur tal-Artikolu 339(1) c tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll li sar recidiv b'zewg sentenzi li t-tnejn huma definittivi, jigifieri sentenzi tal-Qorti Kriminali (gurijiet) wahda datata 27 ta' Lulju, 1972 u l-ohra datata 7 ta' Marzu 1985. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 49 tal-Kap 9 Kodici Kriminali Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jigu trattati bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat wiegeb li mhux hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Rat ukoll li rregistra li mhux hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi hija semghet ukoll lil John Mary Cutajar li qal li hu ghandu problema serja ta' abbuz ta' alkohol u li hu bilkemm jiftakar, anzi ma jiftakar xejn l-incident li bih hu akkuzat, tant kien taht effett ta' alkohol. Pero' in vista ta' dak kontenut fl-art 34 tal-Kap 9, il-fatt ta' l-abbuz ta' l-alkohol kif impost mill-akkuzat mhux eliggibli ghad-difiza tieghu.

Illi in vista ta' dak kollu premess il-Qorti qeghda ssib lill-akkuzat John Mary Cutajar hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 325(b), 339(1), 338(ff), l-art 17 tal-Kap 9. Dwar il-piena rat l-artikolu 28A u tikkundannah ghal sitt xhur habs sospizi ghal sena. Rat ukoll l-artikolu 28G tal-Kap 9 u tqieghed lil John Mary Cutajar taht ordni ta' sorveljanza u qeghda tahtar ghal dan l-iskop lil Marietta Lanzon. Dan il-perjodu ta' sorveljanza ghandu jkun fil-perjodu ta' sena. B'dan illi John Mary Cutajar ghandu jobdi kull ordni u direttiva moghtija lilu minn Marietta Lanzon u dan b'mod specjali biex hu jkun jista' johrog mill-problema tieghu ta' abbuz ta' alkohol.

Rat ukoll l-Art 28 H tal-Kap 9, rat ukoll li s-somma sofferta bhala danni mill-Bank of Valletta tammonta ghal Lm480. Tordna li l-imputat ihallas

lill-istess bank fi zmien sitt xhur l-istess somma jew fi zmien iehor li l-istess bank jaccetta tali restituzzjoni.

Tordna wkoll lil Marietta Lanzon li kull sitt gimghat taghti rapport bil-miktub fil-prezenza ta' John Mary Cutajar il-progress tieghu dwar din il-problema.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.